**26 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Chetcuti

**Piena taħt il-Minimu – Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali**

*Fi kliem "għar-raġunijiet speċjali u straordinarji" wżati fis-sentenza ma jissodisfawx, waħedhom, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9. Il-liġi trid li dawn ir-raġunijiet jiġu speċifikati fis-sentenza, u dan "bir-reqqa kollha".*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tat-22 ta' Novembru, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), sabet lill-imputat ħati li bħala persuna rreġistrata għall-finijiet ta' l-Att biex jimponi Taxxi fuq l-Infiq dwar Oġġetti u Servizzi (Att numru XXII/1990), u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att naqas li sal-15 ta' April, 1991, jagħti lill-*Accountant General* prospett għax-xahar ta' Marzu, 1991 inkluż prospett li ma juri l-ebda taxxa, u dan bi ksur tar-*Regolamenti 16 u 17 ta' l-Avviż Legali 100 ta' l-1990 u artikolu* 5(6) ta' l-Att numru XXII.1990, u ddeċidiet hekk:

"Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah ammonizzjoni u riprensjoni";

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tvarja dik is-sentenza billi tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat ħati u tirrevokaha fejn imponiet il-piena ta' ammonizzjoni u riprensjoni, u minflok tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' l-appellat u l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

1. L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti filli l-ewwel Qorti mponiet il-piena ta' ammonizzjoni u riprensjoni meta tali piena kellha tkun, skond l-artikolu 12(1) ta' l-Att XXII ta' l-1990, mitt lira multa jew għaxar darbiet it-taxxa. L-appellant issottometta li l-ewwel Qorti ma setgħetx tapplika l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, kif għamlet, bla ma tindika, kif ma ndikatx, fis-sentenza x'kienu r-raġunijiet speċjali u straordinarji li wassluha għall-applikazzjoni ta' dak l-artikolu;

2. L-artikolu 21 imsemmi jiddisponi li l-Qorti tista' tagħti piena taħt il-minimu preskritt mil-liġi, u dan "għal raġunijiet speċjali u straordinarji li għandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza";

3. L-appellant Chetcuti, fir-risposta tiegħu, donnu jimmantjeni li l-kliem biss "għar-raġunijiet speċjali u straordinarji" waħedhom fis-sentenza, jissoddisfaw id-disposizzjoni ta' l-artikolu 21 imsemmi tal-Kapitolu 9. Dan ovvjament mhux hekk. Il-liġi kjarament trid li fis-sentenza l-Qorti tispeċifika dawk ir-raġunijiet, u dan "bir-reqqa kollha". Dan fis-sentenza appellata ma sarx. Barra minn hekk l-ewwel Qorti ma tat ebda ħjiel li kien jidhrilha li tali raġunijiet kienu jissussistu. Għalhekk l-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali huwa ġustifikat;

4. Fil-każ preżenti l-piena minima preskritta mil-liġi hija dik premessa fil-paragrafu numru 1 hawn fuq, ċjoè mitt lira multa. Di fatti ma rriżulta ebda ammont ta' taxxa;

Għall-motivi premessi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellat ġie misjub ħati ta' l-imputazzjoni dedotta, u tirrevokaha fil-bqija, u tikkundanna lill-appellat Chetcuti għall-multa ta' mitt lira (Lm100) a tenur ta' l-artikolu 12(1) ta' l-Att XXII ta' l-1990.